20 ta' Ġunju, 1952

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Spiteri *versus* Salvina Spiteri

**Patria Potestà — Tfal — Separazzjoni Personali — Mara.**

*It-tfal leġittimi huma suġġetti għall-patria potestà tal-missier; u l-omm mhix investita mill-liġi b'ebda attribut ta' patria potestà fuq uliedha.*

*Bis-separazzjoni personali "de facto" bejn il-ġenituri, il-missier ma jitlefx id-drittijiet tiegħu ta' patria potestà fuq uliedu; salv li f'kawża ta' separazzjoni, jekk ikun il-każ, il-Qorti tipprovvedi fl-interess ta' l-istess tfal dwar il-kura u kustodja tagħhom.*

*Għaldaqstant, meta l-ġenituri huma separati "de facto", il-mara ma għandhiex dritt iżżomm jgħixu magħha t-tfal li jkunu suġġetti għall-patria potestà ta' żewġha.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha l-attur, wara li ppremetta li hu u martu, il-konvenuta, għandhom tifel u tifla, it-tnejn minuri, u huma jinsabu separati "di fatto"; u li l-konvenuta ħadet miegħu għand l-attur it-tifla, li jisimha Marie Rose, ta' ċirka ħames snin, u baqgħtitha tgħix ma' ommha, ċjoè l-ava materna tat-tifla; u li, non ostanti l-attur talab lill-konvenuta biex tagħtih din it-tifla, mhux talli ma tathielux, anzi lanqas riedet turihielu; u li l-attur, b'rikors preżentat quddiem is-Sekond'Awla ta' dik il-Qorti, talab li l-konvenuta tiġi ordnata li tagħtih din it-tifla, u dik il-Qorti rrimettiet lill-partijiet fil-kontenzjuż; prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja, u mogħti kull provvediment opportun, talab li l-konvenuta tiġi kundannata li tagħti lill-attur din it-tifla li jisimha Mary Rose, u tħalliha fil-kustodja ta' l-istess attur, li huwa l-kap tal-familja. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-proċeduri relativi quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili, kontra l-konvenuta;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-23 ta' April 1952, li biha ġiet milqugħa t-talba, bl-ispejjeż bin-nofs bejn il-kontendenti; wara li kkunsidrat:

Illi, in vista tas-sentenza mogħtija fil-kawża fuq imsem-

mija, li biha ġiet miċħuda t-talba, fost oħrajn, tal-konvenuta, attriċi f'dik il-kawża, għas-separazzjoni personali bejnha u l-attur, it-talba ta' dan miġjuba f'din l-azzjoni tirriżulta ġustifikata. Infatti t-tfal leġittimi — kif mhux kontestat li hija t-tifla tal-kontendenti msemmija fiċ-ċitazzjoni — huma soġġetti għall-patria potestà tal-missier (Vol. V, 127), u l-omm mhix investita mill-liġi minn ebda attribut ta' patria potestà fuq uliedha (Vol. VIII, 66). Bis-separazzjoni volontarja, jew dik "de facto", bejn il-ġenituri, il-missier ma jitlefx id-drittijiet tiegħu tal-patria potestà fuq uliedu (Vol. VIII, 556); salv li f'kawża ta' separazzjoni, jekk ikun il-każ, il-Qorti tipprovvedi fl-interess ta' l-istess tfal dwar il-kura u l-kustodja tagħhom (Vol. VII, 97);

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuta, u rat il-petizzjoni tagħha fejn talbet li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi tiġi revokata fejn laqgħet it-talba ta' l-attur għall-kustodja tat-tifla minuri Mary Rose, u tiġi riformata fejn waħħlitha nofs l-ispejjeż; u hekk tiġi miċħuda t-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi bis-sentenza fil-kawża l-oħra fuq imsemmija (nru. 821 ta' l-1949), mogħtija l-lum, ġiet konfermata dik mogħtija mill-Ewwel Qorti, li biha kienet ġiet miċħuda t-talba ta' l-appellanti għas-separazzjoni personali kontra żewġha. Għalhekk jikkonkorru l-istess motivi miġjubin fis-sentenza appellata biex it-talba ta' l-attur tiġi milqugħa, u l-appell tal-konvenuta jiġi miċħud;

Għaldaqshekk;

*Tirrespinġi* l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-Maestà Tagħha r-Reġina fit-23 ta' April 1952; bl-ispejjeż kontra l-konvenuta appellanti.